MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 710/2014

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Raymond Shaun ABELA [ID. Nru. 501295M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Ottubru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija tnejn u erbghin euro u disgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€342.29c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin ewro u disgha u ghoxrin ċenteżmu (€342.29) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50927205 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-28 ta' Ottubru 2014.

Semgha x-xhieda ta' l-intimat li kkonferma li l-ammont reklamat ghadu dovut. L-intimat informa lit-Tribunal li huwa ma kienx f'posizzjoni li jhallas l-ammont reklamat f'daqqa iżda kien lest li jhallas dan l-ammont f'rati mensili fl-ammont ta' hamsin euro (€50).

Is-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal u talbet li ghandu jkun hemm ordni fis-sentenza li jekk l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed l-ammont kollu jiġi dovut minnufih. Ghandu jkun hemm ukoll l-imghaxijiet skont il-ligi fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ tlett mija tnejn u erbghin euro u disgha u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€342.29c] in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50927205.

Ikkunsidra;

2. L-intimat illum stess iddikjara bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu. Zied ighid li huwa ma kienx f’posizzjoni li jhallas l-ammont mitlub minnu iżda kien lest li jhallas dan l-ammont f’pagamenti mensili ta’ hamsin euro (€50).

3. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal u talbet li ghandu jkun hemm ordni fis-sentenza li jekk l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed l-ammont kollu jiġi dovut minnufih. Ghandu jkun hemm ukoll l-imghaxijiet skont il-ligi fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni ta’ l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija tnejn u erbghin euro

u disgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€342.29c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-23 ta' Mejju, 2013 data ta' l-ittra uffiċjali (fol. 7) sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta' hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fit-12 ta' Dicembru, 2014. F'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-23 ta' Mejju, 2013, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------